VERŻJONI ELETTRONIKA



**A.L. 213 tal-2026**

## ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
## (KAP. 35)

## Regolamenti tal-2026 dwar Drittijiet għall-Użu tal-Hard Standing Facility

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura, is-sajd u l-provvista tal-ikel, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 dwar Drittijiet għall-Użu tal-Hard Standing Facility.

Tifsir.

**2.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Direttur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd; Kap. 425.

"Hard Standing Facility" tfisser il-faċilità taħt il-ġestjoni tad-Direttur li tinsab f'Marsaxlokk jew kwalunkwe faċilità oħra kif tista' tiġi indikata mill-imsemmi Direttur, minn żmien għal żmien, permezz ta' notifikazzjoni tal-Gvern fil-Gazzetta.

(2) Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti li mhumiex imfissra f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fl-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd. Kap. 425.

Hard Standing Facility.

**3.** L-użu tal-Hard Standing Facility huwa soġġett għall-ħlas tad-drittijiet provduti f'dawn ir-regolamenti.

Drittijiet li għandhom jitħallsu.

**4.** (1) Id-drittijiet għandhom ikunu dovuti u mħallsa lid-Direttur skont is-subregolamenti (2) u (3).

(2) Id-dritt minimu dovut għal kull dħul ta' bastiment fil-Hard Standing Facility għandu jkun ta' ħamsa u sebgħin euro (€75), liema dritt għandu jkun dovut bi sħiħ irrispettivament mill-ammont ta' żmien li l-bastiment jibqa' fil-Hard Standing Facility.

(3) Id-drittijiet li ġejjin għandhom jitħallsu lid-Direttur għas-servizzi msemmija fit-tabelli tal-Iskeda qabel il-bastiment ikun se

jitneħħa mill-Hard Standing Facility:

Iżda meta l-ammont dovut skont dawn ir-regolamenti jeċċedi l-ammont ta' ħamsa u sebgħin euro (€75) dovut u mħallas skont is-subregolament (2), l-imsemmi ammont imħallas għandu jiġi akkreditat kontra l-ammont totali dovut kif stabbilit fl-Iskeda.

---

## SKEDA

## TABELLA I

Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-użu tal-Hard Standing Facility

Id-drittijiet applikabbli għal kull jum li matulu bastiment jinżamm fil-Hard Standing Facility, sa u inkluż il-jum tat-tneħħija tiegħu, għandhom ikunu dawk ipprovduti fit-tabella ta' hawn taħt, kif applikabbli għall-bastimenti tas-sajd irreġistrati skont l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd. Tali drittijiet ma għandhomx jinkludu d-drittijiet dovuti għall-irfigħ ta' bastimenti kif provdut fit-Tabella II sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'din it-tabella.

Kap. 425.

| **Tul tal-bastiment** | **Kuljum sal-ħmistax-il jum (inkluż)** | **Kuljum mis-sittax-il jum 'il quddiem** |
|---|---|---|
| Taħt għaxar (10) metri | €5 | €15 |
| Minn għaxar (10) metri sa anqas minn tnax (12)-il metru | €5 | €15 |
| Minn tnax (12)-il metru sa anqas minn għoxrin (20) metru | €8 | €20 |
| Aktar minn għoxrin (20) metru | €15 | €30 |

## TABELLA II
Bastimenti tas-sajd

Id-drittijiet dovuti għal kull irfigħ ta' bastimenti tas-sajd irreġistrati kif imsemmi fit-Tabella I, b'żieda mad-drittijiet dovuti skont it-Tabella I

| Drittijiet għal kull irfigħ, kemm għat-tlugħ jew għall-inżul | |
|---|---|
| Għal kull irfigħ, kemm għat-tlugħ jew għall-inżul bl-użu ta' parank ta' ħamsin (50) tunnellata għal bastiment ta' tul ta' anqas minn għaxar (10) metri u rreġistrati bħala MFA jew MFB, jekk joħorġu mill-Hard Standing Facility fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-dħul tagħhom | €0 |
| Għal kull irfigħ kemm għat-tlugħ jew għall-inżul, bl-użu ta' parank ta' ħamsin (50) tunnellata għall-bastimenti ta' tul ta' anqas minn għaxar (10) metri u rreġistrati bħala MFA jew MFB, jekk jibqgħu fil-Hard Standing Facility għal sittax (16)-il jum jew aktar | €90 |
| Għal kull irfigħ, kemm għat-tlugħ jew għall-inżul bl-użu ta' parank ta' ħamsin (50) tunnellata għal kull bastiment ieħor | €90 |
| Għal kull irfigħ jew inżul bl-użu ta' parank ta' mitejn u ħamsin (250) tunnellata | €180 |

## TABELLA III
Bastimenti relatati mas-sajd

Id-drittijiet dovuti għal kull jum li matulu bastimenti involuti f'attivitajiet relatati mas-sajd jibqgħu fil-Hard Standing Facility, għajr il-bastimenti msemmija fit-Tabella I, kif jista' jiġi approvat mid-Direttur

| Drittijiet għal kull jum | |
|---|---|
| Jekk il-bastiment jeħtieġ irfigħ bl-użu ta parank ta' ħamsin (50) tunnellata | €40 |
| Jekk il-bastiment jeħtieġ irfigħ bl-użu ta' parank ta' mitejn u ħamsin (250) tunnellata | €110 |

## TABELLA IV
Irfigħ, kemm għat-tlugħ jew għall-inżul ta' bastimenti involuti f'attivitajiet relatati mas-sajd

Drittijiet addizzjonali għal dawk stipulati fit-Tabella III dovuti għal kull irfigħ ta' bastiment involut f'attivitajiet relatati mas-sajd, għajr il-bastimenti msemmija fit-Tabella I, kif jista' jiġi approvat mid-Direttur

| Dritt għal kull irfigħ | |
|---|---|
| Għal kull operazzjoni ta' rfigħ, kemm għat-tlugħ jew għall-inżul bl-użu ta' parank ta' ħamsin (50) tunnellata | €550 |
| Għal kull operazzjoni ta' rfigħ, kemm għat-tlugħ jew għall-inżul bl-użu ta' parank ta' mitejn u ħamsin (250) tunnellata | €1,100 |

## TABELLA V

Id-drittijiet applikabbli għal kull jum li matulu bastiment, li ma jkunx bastiment imsemmi fit-Tabella I jew III u li jkun proprjetà tal-Gvern jew dgħajsa tal-bdot li tipprovdi servizzi fil-portijiet ta' Malta, jibqa' fil-Hard Standing Facility, inkluż il-jum tat-tneħħija tiegħu, għandhom ikunu dawk ipprovduti f'din it-tabella ta' hawn isfel. Tali drittijiet ma jinkludux drittijiet dovuti għall-irfigħ ta' bastimenti pprovduti fit-Tabella VI.

| **Tul tal-bastiment** | **Kuljum sa u inkluż il-ħmistax-il jum** | **Kuljum mis-sittax-il jum sa u inkluż l-ewwel tletin jum** | **Kuljum wara l-ewwel tletin jum sa u inkluż is-sittin jum** | **Kuljum wara s-sittin jum sa u inkluż id-disgħin jum** | **Żidiet fir-rata ta' kuljum fil-kolonna preċedenti għal kull perjodu ieħor ta' tletin (30) jum** |
|---|---|---|---|---|---|
| Inqas minn tnax (12)-il metru | €7 | €20 | €35 | €100 | Rata ta' €200 miżjuda b'€100 addizzjonali għal kull tletin (30) jum ta' permanenza addizzjonali |
| Minn tnax-(12)-il metru sa għoxrin (20) metru | €10 | €30 | €45 | €150 | Rata ta' €275 miżjuda b'€125 addizzjonali għal kull tletin (30) jum addizzjonali ta' permanenza |
| Aktar minn għoxrin (20) metru | €20 | €50 | €75 | €200 | Rata ta' €350 miżjuda b'€150 addizzjonali għal kull tletin (30) jum addizzjonali ta' permanenza |

## TABELLA VI

Drittijiet addizzjonali għal dawk dovuti skont it-Tabella V għall-bastimenti msemmija fit-Tabella V, dovuti għal kull irfigħ ta' tali bastiment.

| Drittijiet għal kull irfigħ | |
|---|---|
| Għal kull irfigħ bl-użu ta' parank ta' ħamsin (50) tunnellata | €180 |
| Għal kull irfigħ bl-użu ta' parank ta' mitejn u ħamsin (250) tunnellata | €360 |